

# Testmenti

**Tista' tgħinna** fix-xogħol li aħna nagħmlu mat-tfal u maż-żgħażagħ foqra billi tiftakar fina fit-testment tiegħek jew tibgħat donazzjoni.

Huwa **bil-għajnuna ta' nies bħalek** li x-xogħlijiet li għandna madwar id-dinja jibqgħu jagħtu l-frott.

Il-kontribuzzjonijiet kollha, kemm żgħar u kemm kbar, huma dejjem apprezzati.

*Ibgħat il-kontribuzzjonijiet tiegħek lil:*
*Fr. Eric Cachia SDB - Amministratur tal-Provinċja*
*St. Patrick's Salesian School, St. John Bosco Street,*
*Sliema, SLM 1925 • Tel: 2133 0238*



# Borża ta' Studju

## X'INHI BORŻA TA' STUDJU?

Hija somma ta' flus li tgħinna biex inħallsu parti mill-formazzjoni ta' żagħżugħ li qed iħejji ruħu biex isir saċerdot Salesjan.

## KEMM TRID TAGĦTI BIEX TWAQQAF BORŻA TA' STUDJU?

Kapital ta' €600

## JEĦTIEĠ LI BILFORS TAGĦTI S-SOMMA F'DAQQA?

Le. Wieħed jista' jagħtiha biċċa biċċa, tant fix-xahar jew tant fis-sena.

## JEĦTIEĠ LI BILFORS IS-SOMMA TKUN MOGĦTIJA MINN WIEĦED BISS?

Le. Jistgħu jiftehmu flimkien iktar minn persuna waħda u kulħadd jagħti sehmu. Iżda min joħroġ waħdu s-somma kollha, ikun fundatur ta' dik il-Borża.

## JISTÀ WIEĦED IĦALLI L-BORŻA BĦALA LEGAT WARA MEWTU?

Jistà. U min jagħmel hekk, jistà jikteb fit-testment: "Inħalli bħala legat lis-Salesjani ta' Don Bosco, is-somma ta' ____________ għall-formazzjoni ta'żagħżugħ Malti fl-istess Soċjetà."